# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.05

## KODIĊI TAX-XANDIR DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-MINURI

1 ta' Settembru, 2000

*L-AVVIŻ LEGALI 160 tal-2000, kif emendat bl-Avviż Legali 325 tal-2010.*

**1.** It-titolu ta' dan il-kodiċi hu l-Kodiċi tax-Xandir dwar il-Protezzjoni tal-Minuri.

Titolu.

**2.** Kliem li jintuża f'dan il-Kodiċi għandu jingħata l-istess tifsir mogħti lilhom fl-Att dwar ix-Xandir.

Tifsir.
Kap. 350.

**3.** Xandiriet ma għandhomx jinkludu programmi li jistgħu jagħmlu ħsara b'mod serju l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minuri, u b'mod partikolari ma għandhomx jinkludu programmi li jinvolvu l-pornografija jew il-vjolenza gratwita.

Programmi vjolenti u pornografiċi.

**4.** Il-miżuri provduti fil-paragrafu 3 għandhom jestendu wkoll għal programmi oħra li jistgħu jagħmlu ħsara lill-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minuri, ħlief fejn ikun żgurat, billi jintgħażel il-ħin tax-xandira jew permezz ta' miżuri tekniċi, illi l-minuri fl-area tat-trasmissjoni normalment ma jisimgħux jew ma jarawx dawk ix-xandiriet.

Programmi oħra li jagħmlu ħsara lill-iżvilupp tal-minuri.

**5.** Meta dawn il-programmi jixxandru f'għamla *unencoded*, dawn il-programmi għandhom jiġu preċeduti b'avviż akustiku jew għandhom ikunu identifikati permezz ta' simbolu viżwali għal kemm itul il-programm.

Programmi mxandra f'għamla *unencoded.*

**6.** Dan il-kodiċi jirreferi għal minorenni li huma taħt it-tmintax-il sena.

Tifsira ta' "minuri".
*Sostitwit: A.L. 325 tal-2010.*

**7.** It-*teleshopping* għandu jħares il-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafu 20 u, b'żieda, ma għandux iħeġġeġ lill-minuri jagħmlu xi kuntratt għall-bejgħ jew kiri ta' xi oġġetti u servizzi.

*Teleshopping* indizzjat lejn il-minuri.

**8.** Ir-reklamar ma għandux jinkludi materjal li jista' jirriżulta fi ħsara sew fiżika, sew mentali, sew morali, għall-minuri.

Regola ġenerali dwar ir-reklamar u l-minuri.

**9.** Ir-reklamar indirizzat lis-semmiegħa u lit-telespettaturi minuri ma għandux jesaġera jew iqarraq dwar xi fattizzi, inkużi l-kobor, il-kwalitajiet jew il-kapaċitajiet ta' prodotti jew servizzi. Il-kapaċità ta' minuri li jiddistingwu bejn fatt u fantasija jvarja skond l-età u l-personalità individwali tagħhom. Meta wieħed iżomm dan f'moħħu, ma għandha tiġi inkoraġġita ebda aspettativa irraġonevoli bħal, b'eżempju, b'referenza għal dak li jistgħu jagħmlu l-ġugarelli jew logħbiet bl-użu eċċessiv ta' sfondi li jeżistu fl-immaġinazzjoni jew ta' effetti speċjali.

Reklamar li jqarraq.

**10.** Il-prezzijiet ta' prodotti u servizzi reklamati għall-minuri ma għandhomx jiġu mnaqqsa bi kliem bħal -

Prezzijiet.

(*a*) biss;

(*b*) jew;

(*ċ*) sewsew.

Immaturità u kredulità.

**11.** Ir-reklamar ma għandux jieħu vantaġġ mill-immaturità jew mill-kredulità naturali tal-minuri.

Appell għal-lealtà.

**12.** Ir-reklamar ma għandux jieħu vantaġġ mis-sens ta' lealtà tal-minuri jew jissuġerixxi li, kemm-il darba il-minuri ma jixtrux jew ma jinkoraġixxux lil persuni oħra li jixtru xi prodott jew servizz, huma jkunu qed jonqsu f'xi dover tagħhom jew ikunu qed jonqsu fil-lealtà.

Inferjorità.

**13.** Ir-reklamar ma għandux iwassal lill-minuri jemmnu li kemm-il darba huma ma jkollhomx jew ma jużawx prodott reklamat huma jkunu inferjuri b'xi mod għall-minuri l-oħra jew suġġett għal disprezz jew ridikulaġni.

Eżortazzjoni.

**14.** Ir-reklamar ma għandux iħeġġeġ lill-minuri li jixtru prodotti jew servizzi jew jitolbu lill-adulti li jixtrulhom prodotti jew servizzi.

Tweġiba diretta.

**15.** Ir-reklamar ma għandux jistieden lill-minuri li jixtru prodotti jew servizzi permezz ta' komunikazzjoni magħmula mill-bogħod li tinkludi l-posta, telefon, *computer*, *e-mail* jew *internet*.

Kompetizzjonijiet.

**16.** Kull referenza għal kompetizzjonijiet għall-minuri tkun aċċettabbli sakemm kull kapaċità meħtieġa hija xierqa għall-età tal-parteċipanti li x'aktarx ikunu ser jieħdu sehem u l-valur tal-prezzijiet u ċ-ċans ta' rebħ ma jkunux esaġerati. L-ebda prova ta' xiri ma għandha tiġi mitluba mingħand dawk il-minuri li jixtiequ jipparteċipaw f'dawk il-kompetizzjonijiet.

Premjijiet b'xejn.

**17.** Referenza għal "premjijiet b'xejn" f'reklami għandha tinkludi l-kondizzjonijiet kollha li wieħed jikkwalifika għalihom, bħal limitu ta' żmien u kemm il-prodott għandu jinxtara, kif ukoll kull informazzjoni oħra rilevanti.

Saħħa u iġjene.

**18.** Ir-reklami ma għandhomx jinkoraġixxu l-minuri li jieklu ta' spiss matul il-ġurnata.

Helu u ikel ħafif.

**19.** Reklamar għall-ħelu u ikel ħafif ma għandhomx jissuġġerixxu li tali prodotti jistgħu jissostitwixxu xi ikla bbilanċjata.

Sigurtà.

**20.** Kull sitwazzjoni fejn il-minuri jintwerew jew jinstemgħu f'reklami għandhom jitqiesu b'attenzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' sigurtà. Għandu jittieħed in konsiderazzjoni li, f'ċerti ċirkostanzi, eżempji ħżiena mill-adulti jistgħu jinkoraġixxu lill-minuri li jimitaw dik it-tip ta' kondotta. Ċirkostanzi li għandhom jiġu evitati jinkludu dawn li ġejjin:

(*a*) il-minuri ma għandhomx jintwerew qed jixxabtu mit-twieqi, telgħin ma' postijiet perikolużi jew deħlin f'postijiet perikolużi, jew jilgħabu b'mod irresponsabbli fi jew ħdejn l-ilma;

(*b*) il-minuri ma għandhomx jintwerew qed jilgħabu fit-triq;

(*ċ*) tfal ta' statura żgħira ma għandhomx jintwerew telgħin ma' xkafef għoljin jew jixxabbtu biex jieħdu xi oġġetti minn fuq mejda li tkun għola minn rashom;

(*d*) mediċini, disinfettanti, antiseptiċi u sustanzi velenużi jew li jherru jew jaħarqu ż-żjut organiċi ma għandhomx jintwerew bħala li jintlaħqu mill-minuri mingħajr is-superviżjoni mill-qrib ta' persuna adulta, u l-minuri l-anqas ma għandhom jintwerew jużaw dawk il-prodotti b'xi mod li jkun;

(*e*) il-minuri ma għandhomx jintwerew jużaw is-sulfarini, jew xi gass, petrol, pitrolju, jew xi apparat li jaħdem b'mod mekkaniku jew bid-dawl li jista' jwassalhom iġarrbu xi forma ta' feriment;

(*f*) ir-reklamar ma għandux juri ġugarelli fl-għamla ta' armi li jkunu jixbħu ħafna lil dawk veri (sew fid-daqs, forma jew kulur) u li jistgħu jitfixklu ma' armi ta' veru.

Periklu.

**21.** L-ebda reklam ma għandu jinkoraġixxi lill-minuri li jidħlu f'postijiet strambi għalihom jew li jitkellmu ma' barranin.

Kondotta.

**22.** Il-minuri li jidhru fir-reklami għandhom b'mod raġonevoli iġibu ruħhom sew u jużaw manjieri tajbin.

Kondotta anti-soċjali.

**23.** Ir-reklamar ma għandux jinkoraġixxi kondotta anti-soċjali, jew juri minuri li qed iġibu ruħhom b'mod anti-soċjali. Il-vendikazzjonijiet, il-*bullying* u ċerti espressjonijiet tal-wiċċ u l-movimenti tal-ġisem għandhom kollha jitqiesu bħala anti-soċjali.

Preżentazzjoni esplojtattiva.

**24.** Ir-reklamar ma għandu juri lill-minuri b'ebda mod sesswalment provokattiv.

Ilbies li jkollhom il-minuri.

**25.** Jenħtieġu attenzjoni u diskrezzjoni partikolari meta l-minuri jidhru għarwenin jew fi stat ta' ftit ħwejjeġ fuqhom.

Tfal bħala preżentaturi.

**26.** Jekk il-minuri jintwerew f'programmi ta' xorta kummerċjali, huma ma għandhomx jintwerew jippreżentaw prodotti jew servizzi li huma stess ma jkunux mistennija li jixtru.

Kummenti mill-minuri.

**27.** Il-minuri ma għandhomx jagħmlu kummenti sinifikanti dwar karatteristiċi jew prodotti u servizzi li dwarhom huma mhumiex mistennija li jkollhom konoxxenza diretta.

Xiehda.

**28.** Il-minuri ma għandhomx jagħtu xiehda huma nfushom dwar prodotti u servizzi. Madankollu, huma jistgħu jagħmlu kummenti spontanji dwar dak kollu li huma jkollhom interess naturali ovvju fih.

Restrizzjoni fuq il-ħinijiet ta' trasmissjoni.

**29.** Ir-reklamar li jissemma hawn taħt ma għandux jiġi trasmess waqt programmi għal-minuri u waqt xi waqfien għar-reklami qabel jew wara dawn il-programmi:

(*a*) xorb alkoholiku;

(*b*) sulfarini;

(*ċ*) mediċini;

(*d*) vitamini jew prodotti li jintużaw minn min ikun bid-dieta;

(*e*) prodotti, kura u stabbilimenti għal min irid jirqaq;

(*f*) *trailers* dwar films klassifikati bħala għall-kbar biss;

(*g*) lotteriji jew logħob simili ta' l-azzard.

Regolamenti, eċċ., dwar Programmi Televiżivi (Ċertifikati ta' Klassifikazzjoni). *Sostitwit: A.L. 325 tal-2010.* 350.01 350.18.

**30.** Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi huma bla preġudizzju għar-regolamenti 5 u 6 tar-Regolamenti dwar Programmi Televiżivi (Ċertifikati ta' Klassifikazzjoni), u għar-Rekwiżiti tal-Awtorità tax-Xandir dwar *Standards* u Prattika applikabbli għal Wiri u Smigħ mill-Familja.

Kodiċi ta' mġieba. *Sostitwit: A.L. 325 tal-2010.*

**31.** L-Awtorità għandha tinkoraġġixxi lill-provdituri ta' servizzi tal-mezzi biex jiżviluppaw kodiċijiet ta' mġiba fir-rigward ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva mhix xierqa, li takkumpanja programmi għat-tfal jew li tkun inkluża fihom, ta' ikel u xarbiet li fihom nutrijenti u sustanzi b'effett nutrittiv jew fiżjoloġiku, b'mod partikolari dawk bħal xaħam, aċidi *trans-fatty*, melħ/sodju u zokkor, ikel li t-teħid eċċessiv tiegħu f'dieta ġenerali mhux irrakkomandat.